**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Lulju 2020**

Rikors Numru: 157/20 AL

AB

vs

CB

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-5 ta' Mejju 1984 ġewwa San Duminku, il-Belt Valletta ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u immarkat bħala Dok A.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Elaine Farrugia datat tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) kopja tal-istess kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B.
3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu flimkien għal diversi snin, u ċertament mid-data tas-separazzjoni personali.
4. Illi l-esponenti jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

5. Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimat, la favur tal-esponenti u lanqas favur il-wild ta’ bejn il-partijiet u ċioe DB peress li llum l-imsemmi huwa tifel maġġorenni.
6. Illi għalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat kull fejn hu opportun fl-istess Reġistru.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Gunju, 2020;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Settembru, 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.